# "INT ALLA HANIN"

Bla bidu,
bla tmiem,
fik mogħni
bis-sliem,
fl-imgħoddi,
fli ġej,
min bħalek,
Mulej ?
Tal-ħlejjaq
is-Sid,
fik jibda
kull ġid :
f'seteghtek
din l-art
bi ġmielha
sawwart,
u tagħha
fil-ħdan
lil bniedem
sultan
mort tqiegħed,
u l-ġieh,
tagħ iben
tatih.
Hu regħxek
u miel
fuq ħolma
ta' ġmiel
qarrieqi :
iżd'Int
lil ħati
weżint
u, twajjeb,
mill-ġdid
meddejtlu
dik l-id
li kienet
mix-xejn
ħalqitu :
darbtejn
hekk Inti
fissirt
ta' mħabbtek
il-wirt.
Oh Fidwa !
Oh Sebħ
ta' hena
ta' rebħ !
Fik tjieba,
fik ġieh,
fik nisel
sabiħ.
Mhux minnek
ikun
jekk bniedem
miġnun
jintilef
u jdub
fir-rwiefen
tad-dnub,
għax Inti,
Mulej,
tal-midneb
Feddej:
salibek
ħaddant
u 'l-Għadu
rażżant ;
ta' qalbek
għal ħbieb
ftaħt beraħ
il-bieb
u f'demmek
mgħammdin
iġġed'du
l-ħatjin.
Tal-ħlejjaq
is-Sid,
fawwara
ta' ġid,
ma tinsa
lil ħadd,
bik mogħni
kullħadd.
Jekk saħħa,
jekk mard,
jekk għomma,
jekk bard ;
fil-ħidma
fis-serħ,
fin-niket,
fil-ferħ
kull siegħa,
kull ħin,
int Alla
ħanin. (1)

**Dun Karm.**

(1) Għażilt dawn il-versi qosra ta' tliet sillabi, bir-rima mqabbża, li fil-malti għadhom ma dehrux, biex nuri li l-Isien tagħna jista' jidħol f'kull tifsila ta' poeżija, u li r-rimi ma jonqsux, anqas meta trid waħda kull ħames sillabi, kemm-il-darba jkun hemm ftit tal-qalb u tar-rieda tajba.